28 ta' Frar, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolo Muscat *versus* Nobbli Charles Sant Fournier ne.

**Perizja Ġudizzjarja — Nuqqas ta' Ħlas jew Depożitu ta' l-Onorarju tal-Perit — Art. 670 tal-Kap. 15.**

*Meta ma jkunx ġie mħallas jew depożitat id-dritt intaxxat lill-perit adoperat f'kawża mill-Qorti, il-Qorti għandha l-fakoltà li tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja, jew indipendentement mill-provi miġjuba quddiem il-perit.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lill-Qorti dina l-fakoltà għandha tiġi osservata "ad unguem" sabiex l-iskop tal-perizji ma jiġix frustat, u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix intralċjata.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li fis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fis-26 ta' Frar 1942 fil-kawża "Joseph Gatt Rutter ne. vs. Paul Muscat", l-attur, allura konvenut, ġie kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £405. 12. 2 ammont ta' tnax-il kambjala skaduti rispettivament fl-1 ta' Ottubru............. u rriżervatlu d-dritt li jaġixxi biex jipprova li huwa ma għandu jagħti xejn lill-konvenut nomine...............; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż..............; u konsegwentement jiġi dikjarat u deċiż li l-imgħaxijiet fuq l-istess ammont ta' £350 mhumiex imputabili lill-attur mid-data li saret operativa favur il-konvenut nomine l-imsemmija kompensazzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Novembru 1950, kontra l-konvenut nomine, li għandu jidher għas-subizzjoni;

***Omissis;***

L-art. 670 Kap. 15, li għandu jiġi fil-każijiet kongruwi osservat "ad unguem", sabiex l-iskop tal-perizja ma jiġix frustrat u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja intralċjata, jagħti fakoltà lill-Qorti li tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja, jew indipendentement mill-provi miġjubin quddiem il-perit, meta, fost każijiet oħra (inċiż "c"), ma jkunx ġie mħallas jew depożitat id-dritt intaxxat lill-periti;

Il-Qorti hi ta' fehma, kif jidher minn dak li ġie reċitat fuq. illi lill-attur ingħata żmien altru li biżżejjed biex jagħmel dak li l-liġi tippreskrivi u l-Qorti ordnatlu;

Kif sewwa osserva l-Imħallef Dr. Stefano Micallef fil-kawża "Zammit vs. Chircop", 7 ta' Ottubru 1910, Vol. XXI Kollez., P. II, p. 140, "il difetto di pagamento equivale a mancata prova dei fatti che per mezzo di tali perizie s'intendesse stabilire; e la Corte potrà decidere la causa come se il risultato di tale mezzo di prova fosse negativo";

Għalhekk, peress li f'dan il-każ ma hemm ebda prova oħra in sostenn tad-domanda, għandu jingħad li din ma ġietx pruvata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

*Billi tirrespinġi t-talbiet*; *bl-ispejjeż* kontra l-attur sokkombent.

---